SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 41/KA1/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 27/05/'14** **41**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 27/05/'14** **51**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati:- Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Assenti: Il-Membru Micheal La Rosa

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-21 ta' Mejju 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 40/KA1/13 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P161 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward terminazzjoni ta' permess ta' imwejjed u siġġijiet quddiem Memories Pub.

P172 Email mingħand it-Transport Malta rigward Triq San Ġorġ.

P208 Talba mingħand Emotion Events Ltd sabiex jitneħħew xi parkeġġi fi Triq Dragunara u Triq Wilga.

P209 Email mingħand it-Transport Malta dwar Triq Spinola.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P172

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta dwar suġġeriment biex Triq San Ġorġ minn kantuniera ma' Triq Gort għall-kantuniera ma' Triq Wilġa issir *two way* u jitneħħa

l-*parking* min-naħa waħda tat-Triq. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jaqbilx ma' din il-proposta minħabba l-problema tal-*parking* li diġa teżisti ġo Paceville.

Rif. Nru. P208

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand Emotion Events Ltd sabiex jitneħħew xi parkeġġi fi Triq Dragunara u Triq Wilġa. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jaqbilx li jitneħħa l-*parking* minħabba l-inkonvenjent għar-residenti u li l-Emotions Events Ltd jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa mal-lukanda msemmija fl-ittra tagħhom.

Rif. Nru. P209

2.04 B'riferenza għal email mingħand Transport Malta rigward Triq Spinola, ġie deċiż unanimament li Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kumitat mhux ser jaċċetta li jagħmel id-*double yellow lines* minħabba li la rrakkomandhom u lanqas approvahom.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġibed l-attenzjoni li mhuwiex isir biżżejjed solveljanza fir-rigward parkjar illegali li qed issir kontinwament mingħajr ma jittieħdu passi.

**4 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Il-Membru Joe Oliva pproponihom

4.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet nru. 300 għall-approvazzjoni u pproponija (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 fl-10.00 a.m.

5.05 Il-laqgħa ntemmet 10.45 a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**